MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' 08 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1082/2002/1

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta’ AXA Insurance plc, gia Guardian Royal Exchange Assurance plc, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghhom Joseph Busuttil u l-istess Joseph Busuttil f’ismu proprju**
**vs**
**Abraham Gatt**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fit-23 ta’ April, 2002, fejn intalab il-hlas ta’ mitejn u zewg liri Maltin (Lm202.00), danni mhallsa mill-attur nominee fuq vettura DAM-982 assigurata comprehensive u ghal liema somma l-attur nominee jinsab surrogat fid-drittijiet ta’ Joseph Busuttil u dan billi fid-9 ta’ Gunju, 2000, gol-University Tunnels, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura AAU-212 habat mal-vettura DAM-982 proprjeta` ta’ Joseph Busuttil u misjuqa minnu u ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-18 ta' Dicembru, 2001, u tat-22 ta' Frar, 2002, u bl-imghax tat-8% fuq mitejn u zewg liri Maltin (Lm202.00) mit-18 ta' Dicembru, 2001, sal-hlas effettiv, u bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tal-lum kontra GasanMamo Insurance Agency Limited assiguraturi tal-konvenut liema ittra ufficjali hi rikjesta mill-ligi, u ghaxar liri (Lm10.00) konsult, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-17 ta' Mejju, 2002, li fiha ntqal:**
**Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza ma garax tort tal-esponenti, izda gara tort ta' l-assigurat ta' l-atturi, Joseph Busuttil, li dak il-hin ta' l-incident kien qed isuq il-vettura numru DAM-982, u f'daqqa wahda rriversja u dahal fil-vettura ta' l-esponenti li dak il-hin kienet wieqfa warajh.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Busuttil, Abraham Gatt u PS 78 Joseph Cremona. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din il-kawza qed issir ghall-hlas ta' danni subiti f'incident awtomobilistiku li sehh fid-9 ta' Gunju, 2000, bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni DAM-982 misjuqa u proprjeta` ta' Joseph Busuttil u l-vettura AAU-212 misjuqa minn Abraham Gatt. L-incident sehh fi Triq Regjonali l-Imsida,fit-Tunnel ta' hdejn l-Universita`.**
**2. Jirrizulta li dak inhar ta' l-incident kien hemm hafna traffiku, u li l-attur kien qed isuq fuq il-karreggjata ta' barra sejjer fid-direzzzjoni ta' Tas-Sliema. Warajh gie il-konvenut.**
**3. Skond l-attur meta kien kwazi wieqaf f'daqqa wahda gie l-konvenut minn warajh u baqa' diehel fih. Skond l-attur il-konvenut a tempo vergine stqarr mieghu li l-brakes ma rabtulux. Il-konvenut jghid li t-traffiku waqaf, u meta rega' beda miexi l-attur ma mexiex, kien minghajr dawl u saret il-kollizzjoni. L-attur jghid li hu kellu dwal u li l-konvenut ma kellux**

**dwal. Skond il-konvenut l-attur resaq ftit lura. Il-konvenut xehed ukoll li l-attur kien distanza ta' xi metru l-boghod minnu.**
**4. Jirrizulta li l-front to rear form ma saritx dak il-hin peress li ma kellhomx formula u fi kwalunkwe kaz il-konvenut ma jafx jikteb. L-attur irrapporta l-incident l-Ghassa.**
**5. Id-danni fil-vettura ta' l-attur kienu ezatt fuq wara kollha, dana kif jirrizulta mid-Dok.RC1.**
**6. It-Tribunal hu soddisfatt illi fil-fatt m'hemm ebda prova li l-attur resaq lura kif qed jallega l-konvenut, apparti li kieku dan kien minnhu ma kienx ikun hemm id-danni li fil-fatt gew ikkawzati. Hu aktar verosimili li meta l-attur waqaf fit-traffiku li kien hemm, il-konvenut, jew ghax ma rabtulux il-brakes, jew ghax deherlu li l-attur kellu jibda miexi peress illi t-traffiku ta' quddiemu kien miexi, dana dahal fil-vettura ta' l-attur dritt minn wara u kkaguna id-danni indikati, li jammontaw ghall-mitejn u zewg liri Maltin, mill-liema hamsin lira Maltin thallsu mill-attur bhala excess.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u zewg liri Maltin, in kwantu ghall-hamsin lira Maltija (Lm50.00) dovuta lill-attur u mija u tnejn u hamsin lira Maltija (Lm152.00) dovuta lis-socjeta` attrici, bl-imghax legali fuq mitejn u zewg liri Maltin (Lm202.00) mit-18 ta' Dicembru, 2001, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-18 ta' Dicembru, 2001, u tat-22 ta' Frar, 2002, u l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tal-lum kontra GasanMamo Insurance Agency Limited assiguraturi tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut, eskluzi pero` l- ghaxar liri (Lm10.00) tal-konsult.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**